# TQEGHID TA' L-EWWEL ĠEBLA TAS-SANTWARJU TAL-LUNZJATA F'NAZARET

Fid-9 ta' Diċembru li għadda, ġiet b'solennità kbira mqegħda L-EWWEL ĠEBLA tal-kbira u artistika Bażilika, li qiegħda tinbena f'Nazaret bħala tifkira ta' egħluq il-mitt sena mix-xandir tad-domma "tat-Tnissil bla tebgħa tal-Madonna".

B'din il-Bażilika ġdida, fuq il-post fejn għexet Marija, il-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa tifhem li jibqa' għal dejjem jinstema' dak l-innu ta' tifħir li Marija kellha mid-dinja ma' tul is-Sena Marjana. Għalhekk ukoll tistieden lill-Insara ta' kullimkien sabiex jgħinu bl-offerti tagħhom u jissieħbu li jagħtu qima lill-Madonna, sewwa sew f'dak il-post li Hija għexet ma' San Ġużepp, fejn kellha l-kbira bxara mill-Arkanġlu Gabrieli, fejn saret l-Omm t'Alla u fejn il-Verb Divin filġuf safi tagħha sar Bniedem-Alla u beda l-fidwa tagħna.

L-ewwel ġebla ġiet imqiegħda mill-Beatitudini Tiegħu, Mons. ALBERTU GORI, O.F.M., Patrijarka ta' Ġerusalemm, imsieħeb mir-Rev.mu P. Ġaċint Faccio, O.F.M., Kustodju ta' l-Art Imqaddsa, mill-Komunità Franġiskana ta' Nazaret u minn persuni oħra tal-Knisja sewwa Latina kemm Orjentali.

Ma naqsux ukoll għaċ-ċerimonja l-Konslijiet ta' l-Italja, ta' Franza, ta' Spanja, ta' l-Awstrja u delegati tal-Gvern tal-post, li huwa Iżrael.



**Kif sa tkun il-Knisja l-ġdida ta' Nazaret. Mudell tal-ġips maħdum mill-Inġinier Antonio Barluzzi.**

Ir-Rev.mu P. Ġaċintu Faccoi, Kustodju ta' l-Art Imqaddsa qiegħed pergamena b'kitba Latina f'tubu ġewwa l-ġebla bħala tifkira u l-Patrijarka Mons. Gori fl-istandard tal-Knisja ta' l-Annunzjata hemeż midalja speċjali mibgħuta apposta mill-Papa Piju XII.